**QORTI KRIMINALI**

**Imhallef**

**Onor. Edwina Grima LL.D.**

Illum, 13 ta' Settembru 2024

**Anthony Catania**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Ġenerali ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2024 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti:

i. tikkonferma d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tad-19 ta' Frar 2024 f'dik il-parti fejn laqgħet it-talba tal-isfidant u ddikjarat li hemm *prima facie* lok ghal kwerela kollha mertu tal-każ minbarra dak li jipprovdi l-artikolu 338(dd) u l-artikolu 101 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u;

ii. tħassarha u tirrevokaha fil-parti fejn l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba ta'l-isfidant u ddikjarat li hemm prima facie lok għal kwerela fir-rigward ta'l-artikolu 101 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok issib li ma hemmx prima facie lok għal kwerela taħt l-artikolu 101 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati tad-19 ta' Frar 2024 fejn iddikjarat li hemm *prima facie* lok għall-kwerela kollha mertu ta' dan il-każ fil-konfront ta' Ronalyn Dolor Magbalot ħlief għal dak li jipprovdi l-artikolu 338(dd) tal-kodiċi Kriminali stante li llum hija preskritta.

Semghet trattazzjoni tal-Avukat Ġenerali u tal-avukat difensur tal-isfidant Anthony Catania.

Ikkunsidrat,

Dan hu provvediment wara r-rikors ta'l-Avukat Ġenerali li permezz tiegħu qed jappella, skond ma jipprovdi s-subartikolu (3) tal-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali, minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn it-talba ta'l-isfidant Anthony Catania kienet milqugħa *in parte*.

Illi l-Ewwel Qorti iddecidiet illi kien hemm lok *prima facie* sabiex jittieħdu passi kriminali għar-reat imfassal fl-artikolu 101 tal-Kodiċi Kriminali kontra Ronalyn Dolor Magbalot u ċioe' dak tal-falza denunzja, kif ukoll għar-reat tas-serq aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-persuna bil-ħin u bil-vjolenza fit-termini ta'l-artikoli 261(a)(b)(c)(d)u (e). Ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq diversi rapporti li kienu saru lill-pulizija mill-isfidant Catania fejn huwa talab lill-pulizija tinvestiga allegat serq ta' ċwievet u *mobile phone* kif ukoll rapport ieħor fejn huwa allega li kien ġie aggredit mill-persuna ikkwerelata, li kienet taqdieh bħala *carer.* Illi l-Ewwel Qorti sabet illi għalkemm kienu saru dawn ir-rapporti mill-isfidant, il-pulizija qatt ma investigathom fejn lanqas biss kienu mitkellma minnha l-partijiet ikkonċeranti sabiext ittieħdilhom il-verżjoni tagħhom dwar il-fatti rrappurtati. Tisħaq illi għalkemm il-Kummissarju wieġeb billi ġġustfika dan in-nuqqas ta' azzjoni tiegħu bil-fatt illi kien irriżultalu mill-investigazzjonijiet tiegħu li Magbalot kienet vittma tal-isfidant tant illi ittieħdu passi kriminali kontra tiegħu fir-rigward tar-reat ta' traffikar ta' persuni, fost oħrajn, madanakollu qiset illi b'daqshekk huwa ma setax jinjora ir-rapporti li kienu qed isirlu u kellu jinvestigahom.

Iddeċidiet hekk l-Ewwel Qorti:

> **"Ir-rwol u l-kompitu tal-pulizija huwa li tara jekk hemmx il-bażi minimu tal-prima facie sabiex Magbalot titressaq qudiem il-Qorti u xejn iktar. Illi l-liġi tagħmilha ċara li meta l-pulizija tevalwa u tanalizza każ trid tiddetermina biss jekk hemmx il-livel tal-prima facie u mhux tikkunsidra jekk hix kapaċi tasal sal-grad tad-dubju dettat mir-raġuni. Illi l-leġislatur għamel dan bi skop għaliex s'intendi meta jinbdew il-proċeduri, l-imputat ikollu dritt għad-difiża tiegħu u imbagħad jispetta għall-Qorti sabiex wara li tevalwa ż-żewġ naħat tara jekk il-grad tad-dubbju dettat mir-raġuni intlaħaqx.**
>
> **Issa f'dan il-każ, ir-rikorrenti flimkien mal-kwerala tiegħu ippreżentat dokumenti li bla dubju ta' xejn jisostanzjaw il-kwerela tiegħu. Illi f'dan il-kaz lanqas ma huma ikontestati mill-Kummissarju tal-Pulizija li ma investigawx il-kaz u ma l-ewwel daqqa ta' ghajn u meta wiehed iqis li l-grad tal-prima facie huwa bejn il-possibbli u l-probabbli jirriżulta li l-kwerela**

**tissodisfa dawn ir-rekwiziti il-Kummissarju tal-Pulizija kellu jressaq lil Ronalyn Dolor Magbalot."**

Illi l-Avukat Ġenerali ħassu aggravat unikament minn dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn l-Ewwel Qorti ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jieħu passi kontra Magbalot għar-reat imfassal fl-artikolu 101 tal-Kodiċi Kriminali, fuq il-premessa illi il-pulizija eżekuttiva ma tistax tipproċedi għal prosekuzzjoni ta' dan ir-reat billi hija ħadet passi kontra l-isifidant Catania fuq reati *inter alia* marbuta ma' traffikar ta' persuni abbażi tar-rapport li qed ikun ikkontestat minnu li huwa falz. Kwindi d-deċiżjoni dwar jekk ir-rapport jew denunzja li saret minn Magbalot huwiex/hijiex falz/a o meno għadha *sub iudice*, bil-kawza Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) vs Anthony Catania ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Kump.nru.617/21GV). Dan ifisser illi l-pulzija prekluża milli tieħu passi abbażi ta'l-artikolu 101 tal-Kodiċi Kriminali għaliex jekk tagħmel dan tkun qed tindika illi l-każ kontra Catania tmexxa 'il quddiem minnha fuq rapport falz. Jikkonsewgi għalhekk illi l-kwistjoni dwar jekk ir-rapport magħmul minn Magbalot kontra Catania huwiex fondat o meno ma jistax ikun determinat f'dan l-istadju qabel mal-każ kontra Catania jgħaddi in ġudikat.

Illi din il-Qorti tqis mingħajr tlaqliq illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun f'dan l-ilment tiegħu. Ibda biex fid-deċiżjoni tagħha l-Ewwel Qorti ma għamlet ebda distinzjoni bejn iż-żewġ reati tad-denunjza falza u dak tas-serq u qegħdithom f'keffa waħda mingħajr ma ikkunsidrat illi r-rapport li sar minn Magbalot dwar reati ta' traffikar ta' persuni, stupru u offiża volontarja fuq il-persuna *inter alia*, u li abbażi tiegħu l-isfidant ressaq l-isfida tiegħu, kien xpruna proċeduri kriminali li għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, sabiex b'hekk il-kwistjoni dwar jekk dak ir-rapport kienx wieħed fondat o meno, u allura dwar jekk kenux jeżistu l-elementi li jsawwru ir-reat taħt l-artikolu 101 tal-Kodiċi Kriminali, għad irid jkun determinat minn pronunzjament ġudizzjarju. Jikkonsewgi illi l-Kummissarju tal-Pulizija ma jistax f'dan l-istadju jinoltra ruħu fid-determinazzjoni dwar l-fondatezza o meno ta'l-istess.

Issa l-procedura hekk imsejha "tac-*challenge*" kontemplata fl-Artikolu 541(1) tal-Kodici Kriminali hi, f'certu sens, procedura straordinarja. "*Ir-regola hi li l-azzjoni kriminali hi essenzjalment wahda pubblika u tmiss lill-Istat (Artikolu 4(1), Kap. 9). Tali azzjoni titmexxa ex officio fil-kazijiet kollha hlief f'dawk il-kazijiet fejn hi mehtiega l-kwerela tal-parti privata jew f'dawk il-kazijiet fejn il-ligi espressament thalli t-tmexxija ta' l-azzjoni f'idejn il-parti privata (Artikoli 4(2) u 373, Kap. 9). Il-procedura tac-challenge - li ma tapplikax ghal kontravvenzjonijiet jew ghal delitti fejn it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-parti privata -* ***trid ghalhekk tigi applikata b'mod rigoruz ghal dawk il-kazijiet biss li trid il-ligi u fit-termini li trid il-ligi****.*

*L-Artikolu 541(1) tal-Kap. 9 jaghmilha cara li huwa biss f'dawk il-kazijiet fejn il-Pulizija Esekuttiva ma tkunx trid tagixxi "wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt" li hu koncess li jkun hemm l-intervent gudizzjarju. Huwa biss meta l-Pulizija Ezekuttiva ma tkunx trid tagixxi fir-rigward tad-delitt jew delitti specifikatament indikat jew indikati fid-denunzja, fir-rapport jew fil-kwerela li d-denunzjant jew minn jaghmel ir-rapport jew il-kwerelant jista'*

*jitlob l-ordni tal-Magistrat skond l-imsemmi Artikolu 541(1), u dan, s'intendi, wara li jkun ottempera ruhhu mad-diversi rekwiziti procedurali indikati fl-imsemmija disposizzjoni. Dan ir-reat ma hemmx ghalfejn jigi specifikat bl-isem tekniku tieghu; huwa bizzejjed li mid-denunzja, mir-rapport jew mill-kwerela jkun jirrizulta car liema reat qed jigi denunzjat jew rappurtat jew fir-rigward ta' liema reat li jkun sar kontra tieghu il-kwerelant jitlob li jittiehdu passi.*[1]"

Illi bl-azzjoni ta'l-isfida ntentata mill-appellat irid jkun determinat, allura, jekk *prima facie* jirriżultawx l-elementi hawn fuq elenkati li jsawwru ir-reat tad-denunzja falza, mertu madanakollu li għadu qed ikun mistħarreġ fi proċeduri kriminali pendenti kontra l-isfidant Catania. Issa ma huwiex kompitu ta' din il-Qorti, u tal-Qorti tal-Maġistrati qabilha, li tindaga dwar r-rilevanza o meno ta' xhieda f' kawża oħra u dan meta dik il-kawża għadha fi stadju ta' gbir tal-provi u għalhekk huwa prematur li jiġi determinat jekk *prima facie* dak irrappurtat u li abbażi tiegħu kienet inizjata l-azzjoni penali huwiex falz. Huwa biss il-proċess ġudizzjarju li jista' b'xi mod jiddetermina dan il-fatt. Fuq kollox l-appellat Catania għandu rimedju favur tiegħu billi, preżunt innoċenti, għandu il-mezzi kollha għad-disposizzjoni tiegħu fil-proċeduri kriminali nizjati kontrih, mezzi mogħtija lilu bil-liġi, biex jiddefendi ruħu minn dan ir-rapport li huwa jikkontendi li huwa falz. Tant hu hekk illi jekk il-Qorti adita bis-smigħ tal-każ pendenti kontra l-isfidant issib illi dak allegat mill-vittma kien falz, xejn ma jżommha milli tordna hi stess lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jieħu proċeduri kriminali kontra Magbalot għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi biex tirriforma is-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-Kummissarju tal-Pulizija kien ordnat jieħu passi kriminali kontra Ronalyn Dolor Magbalot għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 101 tal-Kodiċi Kriminali, u tikkonfermaha fil-bqija.

Edwina Grima

Imhallef

[1] Joseph Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija – Qorti Kirminali – 03/11/2003